MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 2552/2000/1

**Cotswold Developments Limited u Bank of Valletta p.l.c.**

**v.**

**Raymond Aquilina**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**
**<u>IR-RIKORS PROMOTORJU TA' L-APPELLAT</u>**

1. B’rikorsipprezentat fl-4 ta’ Dicembru 2000, l-appellat Raymond Aquilina ippremetta illi fil-21 ta’ Jannar 2000, is-socjetajiet Cotswold Developments Limited u Bank of Valletta p.l.c. ipprezentaw Mandat ta’ Inibizzjoni kawtelatorju numru 226/2000 kontra l-appellat Raymond Aquilina sabiex jikkawtelaw l-allegati drittijiet taghhom u jzommu lill-istess appellat milli b’xi mod jew taht kwalsiasi titolu jidhol jew jaccedi ghall-porzjoni ta’ art accessibbli minn Triq il-Keffa, ta’ l-Ibragg, Swieqi, formanti parti mill-ghalqa msejha “Ta’ Misrah Gonna” konfinanti Lvant ma’ beni ta’ Carmelo Attard, punent ma’ beni ta’ Sant’Elena ta’ Birkirkara, nofsinhar ma’ beni ta’ Prestige Homes Limited jew tas-successuri taghhom u tramuntana ta’ l-imsemmija triq, u/jew iwaqqa’ xi beni gia` eretti fuq l-imsemmi fond, u/jew jiskava jew iqatta’ xi blat jew materjal iehor mill-imsemmija art u/jew jibni kwalsiasi kostruzzjoni fuq l-imsemmija art u/jew jinkariga lil terzi, iwaqqfu, ihaffru jew jibnu fuq l-istess art;

Illi, dan il-Mandat ta’ Inibizzjoni gie akkordat mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fuq livell ta’ “prima facie” b’digriet tad-19 ta’ Settembru, 2000;

Illi, wara li l-imsemmi Mandat ta’ Inibizzjoni gie akkordat minn dik l-Onorabbli Qorti kif fuq inghad, is-Socjetajiet Cotswold Developments Limited u Bank of Valletta p.l.c., skond l-istess appellat, naqsu li jintavolaw il-kawza in sostenn tat-talba taghhom fiz-zmien stabbilit bil-ligi;

U ghaldaqstant l-appellat Raymond Aquilina talab illi l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili in vista tal-premess u ghat-tenur ta’ l-Artikolu 836(8)(a) tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), tikkundanna lill-appellanti Cotswold Developments Limited u Bank of Valletta p.l.c. ihallsu lill-appellat dik is-somma li tistabilixxi l-istess Qorti bhala hlas ta’ penali ta’ mhux anqas minn hames mitt Liri Maltin (Lm500.00) u mhux izjed minn tlett elef Liri Maltin (Lm3,000.00).

Bl-ispejjez u b’riserva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-appellat senjatament dik ta’ danni skond il-ligi.

**IR-RISPOSTA TAL-KONTRO-PARTI**

2. Permezz ta’ risposta ipprezentata mill-appellanti u mis-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. fil-11 ta’ Dicembru 2000, l-imsemmija socjeta` Bank of Valletta p.l.c. effettivament uriet kif ipprezentat il-kawza fil-meritu fit-terminu stabbilit kif ukoll illi s-socjeta` appellanti Cotswold Developments Limited, sussidjarja tas-socjeta` l-ohra Bank of Valletta p.l.c., kienet ghaddejja minn proceduri ohra gudizzjarji ma’ Alfred Vella dwar l-istess porzjoni ta’ art u li l-interessi li kienet qed tikkawtela Cotswold Developments Limited gew ukoll identifikati fil-persuni ta’ Cecilia Portanier f’isimha proprju u bhala kuratrici ta’ l-eredita` gjacenti ta’ zewgha Rowey Portanier fil-kawza istitwita fil-meritu kif diga` msemmi u li kopja taghha tinsab esebita fl-atti.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Mejju 2002, fl-ismijiet premessi, dik il-Qorti filwaqt li cahdet it-talba tar-rikorrent appellat sa fejn maghmula kontra s-socjeta` Bank of Valletta p.l.c., bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent appellat, laqghet it-talba ta’ l-appellat fir-rigward tas-socjeta` appellanti u ikkundannat l-istess socjeta` appellanti thallas penali ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) flimkien ma’ l-ispejjez ta’ l-imsemmija proceduri, hlief ghal dawk rigwardanti l-Bank of Valletta p.l.c.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` COTSWOLD DEVELOPMENTS LIMITED**

4. Is-socjeta` Cotswold Developments Limited hasset ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza u interponiet appell ghal quddiem din il-Qorti fuq l-aggravji segwenti:

1. Illi, bir-rispett kollu dovut, l-ewwel Qorti kompletament ma fehmitx dak illi gara fl-ewwel seduta meta l-appellat gie rinfaccat fir-Risposta b’kopja tac-Citazzjoni ipprezentata fit-terminu mill-istess socjeta` appellanti u mis-socjeta` Bank of Valletta p.l.c.

Fl-ewwel seduta infatti wara li l-istess appellat ra l-atti, induna illi l-kawza fil-meritu kienet saret u kien biss sabiex jipprova jsalva s-sitwazzjoni l-istess appellat illi iddikjara illi allura qed jirrinunzja ghall-effetti tar-Rikors fir-rigward tas-

socjeta` Bank of Valletta p.l.c. u jzommhom fermi fir-rigward tas-socjeta` Cotswold Developments Limited.

Illi, bir-rispett kollu l-portata ta’ dan ma fehmitux l-ewwel Qorti u dan ghas-semplici raguni illi r-rikors promotorju illi sar mill-istess appellat Aquilina fl-4 ta’ Dicembru 2000, sar biss ghaliex l-istess appellat haseb illi l-kawza fil-meritu ma saritx. Jekk saritx minn socjeta` wahda jew minn zewg socjetajiet certament ma tolqot bl-ebda mod l-interessi ta’ l-istess Raymond Aquilina u zgur illi qatt ma tista tirradika l-ebda piz biex tigi stabbilita xi penali a tenur ta’ l-Artikolu 836(8)(a) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet.

Illi, huwa car illi dan l-Artikolu gie promulgat sabiex ma jsirux proceduri fuq Mandati frivoli u vessatorji u huwa intiz l-aktar ghal dawk il-mandati illi jinhargu fuq semplici talba guramentata ta’ l-istess rikorrent, bhal ma huma l-Mandati ta’ sekwestru u ta’ Qbid. L-anqas tip ta’ Mandat illi jista’ jippresta ruhu ghall-effetti ta’ l-Artikolu 836(8)(a) huwa infatti l-Mandat ta’ Inibizzjoni u dan ghaliex fl-imsemmi Mandat, il-Qorti qabel ma tohrog l-imsemmi Mandat, tevalwa, benche` fuq bazi *prima facie*, il-fondatezza o meno tat-talba tar-rikorrent. Issa huwa ovvju u bazilari illi meta l-Qorti tiddeciedi illi r-rikorrent ghandu *prima facie* ragunijiet biex jaghmel it-talba msemmija fil-Mandat, huwa antiguridiku illi l-istess Qorti, diversament ippreseduta tiddeciedi illi dan il-Mandat inhareg b’xi frivolezza jew vessatorjeta`. Jigi umilment sottomess li ma huwiex guridikament possibbli li Qorti tghid illi Mandat ta’ Inibizzjoni, li l-istess Qorti tkun precedentement investigat anki bis-smigh tal-provi u sussegwentement dekretat bhala li kellu ragunijiet *prima facie* ghaliex jinhareg, jista’ jaghti lok ghall-penali. Huwa piu` che car illi tali provvediment iddahhal fil-ligi taghna ghal raguni gusta u tajba li tippenalizza lil dawk ir-rikorrenti li jitolbu l-hrug ta’ mandati kawtelatorji frivolozament u vessatorjament. Bir-rispett kollu, *non sequitur* illi Qorti f’gurnata tghid illi ma nharigx frivolu u vessatorju u hemm ragunijiet *prima facie* ghaliex ghandu jinhareg l-imsemmi Mandat, u ftit wara l-istess Qorti tghid li tird tippenalizza lir-rikorrent ghaliex mexa b’xi mod frivolu, vessatorju jew arbitrarju.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, *ictu oculi* l-ewwel Qorti setghet facilment tara kif qabel il-hrug ta' l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni, instemghu diversi xhieda u kien wara diversi seduti u wara ezami approfondit illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili iddekretat favorevolment l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni. Certament ma kienx Mandat illi nhareg leggerment kif ahjar jirrizulta mill-atti ta' l-istess Mandat (Dok. RA1 u RA2). Illi wara dan l-ezami approfondit u wara digriet pjuttost nutrit ta' dik il-Qorti, l-anqas haga li wiehed kien jistenna, huwa illi l-ewwel Qorti tigi zvijata li temmen lill-appellat illi la teknikament il-kawza fil-meritu saret mir-rikorrent wiehed u ma saritx mill-iehor, allura s-socjeta` l-ohra u cioe` s-socjeta` appellanti tista' tigi b'xi mod responsabbli ghall-penali. Bir-rispett kollu huwa anti-guridiku illi l-imsemmi Artikolu 836 jigi applikat "in vacuo" fis-sens illi galadarba ma ssirx il-kawza allura bilfors illi l-penali tigi applikata. Infatti l-Artikolu *de quo* u cioe` l-Artikolu 838 jghid:

"Il-Qorti <u>tista'</u> tikkundanna lir-rikorrent"

F'dan il-kaz, u cioe` huwa <u>fakoltattiv</u> ghall-Qorti jekk tapplikax il-penali jew le f'dan il-kaz u mhux tassattiv. Certament l-applikazzjoni purament teknika ma twassalx ghall-interpretazzjoni gusta ta' dak illi l-legislatur patriju ried jintendi bil-promulgazzjoni ta' l-istess subinciz 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet. (*Incivile est judicare vel interpretare nisi tota lege perspecta).*

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, pero` dan mhuwiex bizzejjed, ghaliex kif spjegat is-socjeta` appellanti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghha, effettivament hija kienet qed tikkawtela d-drittijiet fuq il-fond ta' l-Ibragg, meritu ta' l-istess Mandat, peress illi hija kienet giet inkarigata mill-familja Portanier biex tbiegh l-imsemmija art u mir-rikavat taqta' parti mid-djun illi l-istess familja Portanier ghandha mas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. F'dak l-istadju fil-gurnata illi s-socjeta` Cotswold Developments Limited saret taf illi Raymond Aquilina, l-appellat kien qed jinvadi din il-proprjeta` hija ghamlet dak

li fid-dover taghha kellha taghmel u agixxiet fejn talbet flimkien mas-socjeta` Bank of Valleta p.l.c. u ottjeniet il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Sussegwentement, meta allura s-socjeta` Cotswold Developments Limited u Bank of Valletta p.l.c. kellhom ic-cans jikkuntattjaw lill-familja Portanier, ma baqghetx il-htiega illi tagixxi s-socjeta` Cotswold Developments Limtied stante illi fil-kawza fil-meritu setghet tiddahhal addirittura l-familja Portanier sid ta' l-istess art, illi certament ghandha interess ta' lanqas kwazi identiku mas-socjeta` Cotswold Developments Limited biex tikkawtela. F'dawn ic-cirkostanzi allura, ic-citazzjoni fil-meritu saret korrettement bl-inkluzjoni tar-rikorrent Bank of Valletta p.l.c. u tal-familja Portanier, sidien ta' l-imsemmija art. U ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex is-socjeta` appellanti taghmel ukoll il-kawza f'isimha. Infatti l-ewwel Qorti ikkonfermat illi dak illi l-Artikolu jrid jikkawtela huwa illi effettivament issir il-kawza fil-meritu ghaliex b'dan il-mod il-mandat kawtelatorju ma jkunx inhareg ghal xejn u jkun inhareg biex jikkawtela l-pretensjoni li qed tigi iddibattuta fil-meritu; pero` applikat dan ir-ragonament biss meta waslet fl-applikazzjoni tal-piena u qalet is-segwenti u cioe:

*"Fil-kaz tal-lum, ladarba, minkejja n-nuqqas ta' Cotswold Developments Limited, il-kawza xorta saret u l-mandat xorta nzamm fis-sehh, ghalkemm minn terzi, u ghalhekk l-ghemil ta' Cotswold Developments Limited ma zied ebda inkonvenjent li r-rikorrent ma kienx ibati xorta"*

Mela allura gialadarba l-ewwel Qorti fehmet illi ma jinholoq l-ebda inkonvenjent jew pregudizzju li l-Artikolu 836 kien qed jipprotegi, kif setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni li xorta wahda tiffissa penali benche` il-minima tal-ligi? Bir-rispett kollu, fl-umili sottomissjoni ta' l-appellanti, l-ewwel Qorti ma interpretatx l-imsemmi Artikolu korettement u bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti jigi umilment sottomess illi l-hija (sic) applikazzjoni u interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lill-imsemmi Artikolu.

Ghaldaqstant is-socjeta` appellanti talbet illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ikkundannat lis-socjeta` appellanti Cotswold

Developments Limited thallas lill-appellat penali ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) flimkien ma' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, tikkonfermaha in kwantu ikkundannat lill-appellat ihallas l-ispejjez tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. u ghalhekk tichad kompletament it-talbiet tar-rikorrent appellat fir-rikors promotorju tieghu tal-4 ta' Dicembru 2000, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' RAYMOND AQUILINA GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` COTSWOLD DEVELOPMENTS LIMITED</u>**

5. L-appellat wiegeb hekk:

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

(1) Illi l-appell tas-socjeta` appellanti Cotswold Developments Limited huwa essenzjalment bazat fuq zewg aggravji:

A. L-ewwel aggravju jittratta dwar in-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li tifhem il-portata tal-verbal li biha l-appellat kien ceda l-atti tar-Rikors promotorju tieghu fil-konfront tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. filwaqt li zamm id-drittijiet tieghu fermi fir-rigward tas-socjeta` intimata appellanti.

Illi huwa evidenti illi hija s-socjeta` appellanti li ma fehmitx il-portata ta' dan il-verbal u mhux l-ewwel Qorti. Fis-semplicita` tieghu dan il-verbal ifisser illi t-talba ta' l-appellat ghall-hlas tal-penali abbazi ta' l-Artikolu 836(8)(a) li kienet diretta kontra z-zewg intimati, giet limitata fil-konfront tas-socjeta` Cotswold Developments Limtied. Dan sar peress illi fil-mori tar-Rikors irrizulta sodisfacjentement illi s-socjeta` Bank of Valleta p.l.c. kienet effettivament prezentat ic-citazzjoni opportuna in sostenn tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 226/2000. Ma irrizultax pero` li l-istess kien sar mis-socjeta` appellanti Cotswold Developments Limited li kienet ukoll parti fl-atti ta' l-imsemmi Mandat, u kien ghalhekk illi t-talba tar-Rikors promotorju baqghet limitata biss fil-konfront tas-socjeta` appellanti.

B. It-tieni aggravju jitratta dwar il-gustifikazzjoni li s-socjeta` appellanti Cotswold Developments Limited tghid li kellha li ma tipprezentax il-kawza flimkien mas-socjeta` l-ohra Bank of Valletta p.l.c.

Illi bir-rispett kollu anki hawn is-socjeta` appellanti ma jista' qatt ikollha ragun. Il-Mandat ta' Inibizzjoni kien inizjalment gie prezentat minn zewg rikorrenti, cioe` s-socjeta` Cotswold Developments Limited u mis-socjeta` Bank of Valleta p.l.c. u t-tnejn li huma wrew u iddefendew l-interess taghhom fl-atti ta' dak il-Mandat il-ghaliex dak il-Mandat kellu jigi milqugh fil-konfront tat-tnejn li huma. Fil-fatt dan il-mandat gie milqugh fil-konfront taz-zewg rikorrenti ghar-ragunijiet esposti f'dawk l-atti. Konsegwentement, kien jispetta liz-zewg rikorrenti flimkien li bhal ma ghamlu biex ipprezentaw il-Mandat ta' Inibizzjoni jaghmlu l-istess fil-prezentata tac-citazzjoni in sostenn tal-Mandat milqugh favur taghhom it-tnejn.

(2) Illi finalment qed jigi sottomess bir-rispett kollu illi ghalkemm l-Artikolu 838 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti dritt fakoltattiv lill-Qorti jekk tapplikax il-penali, liema fakolta` din l-ewwel Qorti deherilha li ghandha tapplika fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma jispettax issa lil din l-Qorti li tvarja u tissostitwixxi dik id-diskrezzjoni ezercitata minn dik l-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji u gravi li certament f'dan il-kaz ma hemmx.

Ghaldaqstant in vista tal-premess l- appellat umilment jissottometti li l-Appell interpost mis-socjeta` Cotswold Developments Limited u l-aggravji tieghu ghandhom jigu michuda u b'hekk tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat (sic).

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-aggravji tas-socjeta` appellanti jistghu jigu sintetizzati fis-segwenti:-

(a) li l-ewwel Qorti naqset milli tifhem il-portata vera tal-fatti li inducew lill-appellat biex icedi l-atti tar-rikors promotorju tieghu fil-konfront tas-socjeta` l-ohra Bank of Valleta p.l.c. (jigifieri meta sar jaf li din effettivament kienet

intavolat citazzjoni kontrih a tenur tal-mandat minnha ottenut), filwaqt li zamm fermi d-drittijiet tieghu fir-rigward tas-socjeta` appellanti;

(b) l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 ma jistax jigi applikat "in vacuo". Il-mandat ta' inibizzjoni ma ntalabx minna leggerment. L-ewwel Qorti kellha l-fakolta` li, tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma tapplikax is-sanzjoni tal-penali kif invece ghamlet f'dan il-kaz;

(c) f'kull kaz, darba li irrizulta li l-Bank of Valletta p.l.c. agixxiet kontra l-appellat b'att ta' citazzjoni ad hoc, ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala s-socjeta` appellanti kellha taghmel hi wkoll l-istess kawza f'isimha. Darba li ma nholoq ebda inkonvenjent ghall-appellat ghax il-kawza li kellha ssir fil-fatt saret xorta wahda minn haddiehor, isegwi li l-ebda penali ma messhom gew inflitti kontriha mill-ewwel Qorti.

7. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza u hadet kont ukoll tar-risposta oppozitorja da parti ta' l-appellat ghat-talba tas-socjeta` appellanti biex tigi revokata dik il-parti tas-sentenza rigwardanti l-penali inflitta, ma jidhrilhiex illi l-aggravji ta' l-appellanti huma fondati.

Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li, bazikament, l-argumenti migjuba mill-appellanti f'dan l-appell huma simili ghal dawk li gew sottomessi min-naha taghha quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad li pero`, kif evidentement jirrizulta, gew michuda.

8. Fil-fehma ta' din il-Qorti, li taqbel ma' dak li gie finalment iddekretat mill-ewwel Qorti, darba li irrizulta li fil-fatt is-socjeta` Cotswold Developments Limited naqset milli tagixxi ulterjorment kontra l-appellat, wara li hadet il-briga li tottjeni mandat kawtelatorju kontrih, hija kellha tinkorri dawk il-penali kif titlob il-ligi. Din il-Qorti, ukoll bhall-ewwel Qorti, ma hija konvinta xejn li effettivament is-socjeta` appellanti kellha tassew bazi legali sabiex tagixxi kontra l-appellat. Il-fatt li, minflokha, agixxiet is-socjeta` l-

ohra jigifieri Bank of Valletta p.l.c., ma seta' jiggustifika qatt in-nuqqas da parti tas-socjeta` appellanti milli tghaddi biex tharrek lill-appellat. Tajjeb ukoll jigi rilevat li l-familja Portanier, l-interessi ta' liema s-socjeta` appellanti suppost kienet qeghda tissalvagwardja, spiccat fil-vesti ta' parti konvenuta fl-azzjoni intavolata mill-Bank of Valletta p.l.c. u mhux bhala parti attrici. L-unika fehma li din il-Qorti ma tikkondividx ma' l-ewwel Qorti, u dan li ser jinghad ikompli jimmilita kontra l-aggravju tas-socjeta` appellanti, hija l-kostatazzjoni ta' dik il-Qorti fis-sens li, dato li l-appellat safa' xorta wahda azzjonat mit-terz, ma setax proprjament jinghad li dan sofra "inkonvenjent". Din il-Qorti invece jidhrilha li, taht dan l-aspett, kien certament jikkostitwixxi agir vessatorju da parti tas-socjeta` appellanti l-fatt li din l-ewwel agixxiet kontrih gudizzjarjament biex, in segwitu, u wara li ottjeniet il-mandat ta' inibizzjoni mitlub, spiccat biex tonqos milli tipprocedi dwaru (bla pero` ma ccedieh), kif kienet tenuta li taghmel bil-ligi. In konsegwenza ta' dan l-agir inkonsult min-naha ta' l-appellanti, l-appellat sab allura ruhu f'qaghda ta' intimat b'zewg talbiet konrih ad istanza ta' zewg socjetajiet differenti, b'dan li r-risposti tieghu ghal dawn iz-zewg talbiet kienu jirrikjedu zewg "linji ta' difiza" separati u indipendenti minn xulxin. Bil-fatt imbaghad li qabel ma tat id-digriet taghha l-ewwel Qorti kellha tisma' diversi xiehda u tezamina l-prova prodotti, ma jfissirx li b'daqstant ma setax jinghad li kien hemm leggerezza jew frivolita` fil-mod kif ipprocediet is-socjeta` appellanti, kif gie sottomess mill-istess socjeta`. Anzi, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-agir tas-socjeta` appellanti kien wiehed tali li mhux biss "in ultima analisi" ivvessa lill-appellat inutilment imma ssarraf ukoll f'hafna telf ta' hin prezzjuz ta' l-istess Qorti li giet adita biex tezamina u tiddeciedi l-imsemmija proceduri. Fl-ahharnett, din il-Qorti tinnota wkoll li l-ewwel Qorti, fl-ezercizzju tal-fakolta` moghtija lilha bil-ligi, gustament ghazlet li tinfliggi ammont ta' penali fil-minimu komminat mil-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto is-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` appellanti bl-ispejjez gudizzjarji ta' dan l-appell kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------